MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 3/2001/1

**Joseph u Mary Ann konjugi Attard**

**vs**

**Emanuel Cini**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Jannar, 2004 il-Bord li Jirregola l-Kera ghal Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra ir-rikors tar-rikorrenti li jghid:

Illi permezz ta' rikors numru 3/94 fl-ismijiet "Eucharistico Cini vs Mario Grech noe" l-awtur fit-titolu tal-intimat wara li ppremetta illi huwa proprjetarju tat-terran minghajr numru konsistenti f'zewgt ikmamar u bitha zghira li jinsab fi Qbajjar Road, Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex,

konfinanti mil-lvant ma' beni ohra ta' l-istess rikorrenti Cini, mill-punent ma' beni ta' Luigia Saliba jew l-aventi kawza taghha, u tramuntana ma' Qbajjar Road, liema fond kien mikri lir-rikorrenti odjerni versu l-kera ta' Lm25 fis-sena li kienu jithalsu kull sena u b'lura fl-1 ta' Awissu, talab ir-ripresa tal-istess fond minghand ir-rikorrenti odjerni billi skond hu kellu bzonn il-fond ghall-uzu tieghu u ta' uliedu Charlie u Emmanuel Cini;

Illi b'decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemuna tal-25 ta' Frar 1997, il-Bord laqa' t-talba tal-intimat odjern, li fil-mori tar-rikors kien akkwista l-proprjeta' tal-fond de quo u kien assuma l-atti tar-rikors f'ismu, ghar-raguni li l-Bord kien sodisfatt li l-intimat odjern ghandu bzonn l-istess fond ghall-uzu personali tieghu biex jabita fih wara li jizzewweg, liema decizjoni ta' dan il-Bord kienet giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tas-7 ta' Mejju 1998;

Illi l-intimat kien irnexxilu jiehu decizjoni favorevoli u jiehu lura f'idejh dan il-fond minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnu fix-xhieda tieghu li billi ser jizzewweg huwa ried dan il-fond biex jirrangah u jmur jabita fih bhala residenza ordinarja tieghu, liema fond l-intimat minkejja li zzewweg, qatt ma baqa' jghix fih u sa minn meta zzewweg fis-7 ta' Awwissu 1999 'il hawn ir-residenza ordinarja tieghu kien f'appartament internament market numru 4 formanti parti minn korp ta' bini maghruf bl-isem "Citadel Court" fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex, proprjeta' ta' l-istess intimat;

Illi l-esponenti qeghdin jipprocedu bir-rikors odjern sabiex il-kaz jigi ritrattat fuq il-motiv ta' qerq uzat bid-dikjarazzjoni falza maghmula mill-imsemmi Emanuel Cini u missieru Eucharistico Cini, illum mejjet, fix-xhieda taghhom, skond l-Artikolu 42 tal-Kap 69;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima biex prevja r-revoka tas-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord tal-25 ta' Frar 1997 fir-Rikors numru 3/1994 tigi ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-istess rikors fuq il-motiv ta' qerq uzat bid-dikjarazzjoni falza maghmula mill-imsemmi Emmanuel

Cini u missieru Eucharistico Cini fix-xhieda taghhom skond l-Artikolu 42 tal-Kap 69 u tichad it-talba li kien ghamel Emanuel Cini ghar-ripresa tal-istess fond.

Bl-ispejjez tal-istanti kollha kontra Emanuel Cini.

Rat ir-risposta tal-intimat (folio 14) fejn qal, illi:

1. preliminarjament, huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. fil-kaz odjern m'hemm lok ghall-ebda ritrattazzjoni u dana peress illi m'huwiex minnu li s-sentenza tal-Bord tal-Kera tal-25 ta' Frar 1997 fir-Rikors nru. 3/1994 hija rizultat ta' qerq uzat bid-dikjarazzjoni falza maghmula minn Emanuel Cini u missieru Eucharistico Cini;

3. Eucharistico Cini miet fl-10 ta' Gunju 1997 u wara l-mewt tieghu kien sar ftehim bejn l-armla, Modesta Cini, u uliedha, Emmanuel u Charles Cini, li kien immirat principalment sabiex it-tfal ikomplu bin-negozju qabel gestit minn missierhom fis-socjeta' "Caruana and Cini Limited" fil-waqt li l-armla tiehu proprjeta' immobbli ohra kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess rikors;

4. ghalhekk ma kien hemm l-ebda qerq u dikjarazzjonijiet foloz kif jippretendu r-rikorrenti.

5. Salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimat fejn qal, illi:

1. fl-ewwel lok mhux konsentita r-ritrattazzjoni fil-kaz odjern li jaqa' taht il-provedimenti specifici tal-artikolu 11 Kap 69. Dan jikkostitwixxi ligi specjali li tidderoga mid-disposizzjonijiet generali tal-artikolu 42 tal-istess kap billi tirrestringi r-rimedju f'kaz ta' qerq ghall-multa massima ta' mitejn lira filwaqt li teskludi r-rimedju tar-ritrattazzjoni;

2. din l-azzjoni saret ferm wara t-tliet xhur moghtija skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 – liema disposizzjonijiet il-gurisprudenza applikat ghal Kap 69;

3. fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghall-premess, mhux ammissibbli li ssir kawza ta' ritrattazzjoni sena u tmien xhur wara li zzewweg l-intimat. Id-dekors ta' terminu tant twil bla ma r-rikorrenti hadu ebda azzjoni ma jfisser xejn ghajr li kien hemm da parti taghhom l-akkwijixxenza ghas-sentenza impunjanda.

4. Salvi risposti ohrajn fil-fatt u fid-dritt.

Ra s-sentenza tieghu tat-30 ta' Lulju 2003 li ddispona mill-ewwel eccezzjoni rigward l-legittimu kontradittur billi cahada bl-ispejjez riservati.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha inkluzi l-atti tar-rikors 3/94 u l-proceduri tieghu quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Ikkonsidra:

Illi f'din is-sentenza l-Bord ser jiddiskuti u jiddisponi mill-eccezzjonijiet l-ohra ta' indoli preliminari sollevati mill-intimat li huma ta' ostakolu ghall-meritu u li jimpingu direttament fuq l-istess.

L-eccezzjonijiet huma s-segwenti:

a) jekk hix konsentita r-ritrattazzjoni tal-kawza hawn proposta stante l-Artikolu 11 tal-Kap 69;

b) jekk l-azzjoni hiex proponibbli stante li saret oltre t-tliet xhur in virtu tad-disposizzjonijiet relattivi l-Kap 12;

c) jekk setghetx tigi proposta b'rikors quddiem dan il-Bord; li essenzjalment tinvesti kwistjoni dwar ir-relazzjoni bejn l-Kap 69 u ritrattazzjoni.

Dawn l-eccezzjonijiet ghandhom bazi komuni u jistghu jigu trattati flimkien.

Illi mill-aspett tal-kompetenza tal-Qorti, f'dan il-kaz tal-Bord, hu pacifiku li l-kompetenza hi determinata mid-domanda, u din, fil-kaz in ezami, hi proposta taht l-Artikolu 42 tal-Kap 69. Dan l-Artikolu jipprovdi li "jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista' taghmel talba lill-Bord ghas-smigh mill-gdid tar rikors u tista' ukoll tagixxi quddiem il-Qorti kompetenti ghad-danni u ghall-hlas tal-penali ta' mhux izjed minn mitejn lira, kif tigi stabbilita mill-Qorti". Dan ifisser li l-parti tista' tadixxi lill-Bord ghal smigh mill-gdid tar-rikors fuq il-kawzali ta' dikjarazzjoni falza tal-parti l-ohra li tkun otteniet decizjoni favorevoli in virtu ta' din id-dikjarazzjoni falza. Hi disposizzjoni generali li tghodd ghal kull decizjoni tal-Bord kompriza decizjoni ta' zgumbrament u japplika ghall-kaz meta xi wahda mill-partijiet tkun kolpevoli quddiem il-Bord mhux ta' simulazzjoni jew frodi, li jirrikjedi apparat fittizju ossia stratagemma frawdolenti, imma ta' dikjarazzjoni falza (ara sentenza Prim'Awla "Rosina armla Zerafa vs Giuseppina Zerafa et" deciza 22 ta' Ottubru 1966) u dan kuntrarjament ghall-Artikolu 11 li hu dirett kontra sid il-kera li jkun ottjena l-izgumbrament tal-kerrej taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 9(1) tal-istess Kap bl-uzu appuntu tas-simulazzjoni jew frodi. Issa billi mid-domanda jirrizulta car li r-rikorrenti f'din il-kawza qeghdin jallegaw dikjarazzjoni falza da parti tal-intimat li kien parti fir-rikors promotur, u mhux is-simulazzjoni jew il-frodi da parti tieghu, hu palesi li l-artikolu invokat u applikabbli hu l-Artikolu 42.

Illi ezaminat dan l-artikolu l-karatteristici tieghu, sakemm rilevanti ghall-finijiet ta' dan ir-rikors, jirrizultaw filli hu applikabbli:

i. fir-rigward ta' dikjarazzjoni falza maghmula minn parti fl-atti promoturi;

ii. li tali dikjarazzjoni falza tkun waslet lill-Bord biex jiddeciedi favur taghha;

iii. li t-talba ghas-smigh mill-gdid, ossija r-ritrattazzjoni, issir b'talba lill-Bord.

Isegwi li t-talba odjerna istitwita b'rikors quddiem dan il-Bord u impustata fuq l-kawzali ta' dikjarazzjoni falza hi legalment maghmula u sostenibbli u dan irrispettivament mis-sentenza tal-Appell li finalment iddisponiet mir-rikors promotur. Hu daqstant car ukoll mit-terminologija uzata f'dan l-artikolu li l-parti aggravata ghandha favur taghha, jekk trid tezercithom, tant ir-rimedju tar-ritrattazzjoni u kemm ir-rimedju l-iehor li tiddomanda ghad-danni u penali. Dawn ir-rimedji disponibbli lilha m'humiex marbutin ma' xulxin fis-sens li m'humiex ghad-eskluzjoni ta' xulxin u tista' l-parti aggravata ssaqsi ghal wiehed jew l-iehor u dwar ta' l-ahhar kemm ghad-danni u/jew il-penali. Hu fl-aspett gurisdizjonali li l-artikolu jiddistingwi stante li jaghti kompetenza esklussiva lill-Bord jekk il-parti aggravata taghzel li titlob is-smigh mill-gdid u lill-Qorti kompetenti (kwindi mhux il-Bord tal-Kera li hu tribunal sui generis u mhux Qorti ordinarja – Appell: Fenech v Catania deciz 13 ta' Marzu 1954) jekk tghazel li titlob ghad-danni u/jew il-penali.

Issa hu maghruf li r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu wiehed eccezzjonali u ta' interpretazzjoni ristrettissima. Taht il-ligi generali l-istitut hu regolat fil-Kap 12 taht it-Titolu IV u hu ristrett f'dawk il-kazijiet enunzjati fl-Artikolu 811 tac-citat Kap. Taht dan l-Kap fil-paragrafu (j) tal-imsemmi Artikolu 811 hi kontemplata ritrattazzjoni ta' kawza "jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt" f'liema kaz iz-zmien ta' tliet xhur li fih tista' issir it-talba ghar-ritrattazzjoni jibda jiddekorri mis-sentenza li tkun iddikjarat il-falsita' fuq talba jew kwerela tal-attur jew mill-gurnata li l-attur ikun jaf b'dik id-dikjarazzjoni jekk il-falsita' tkun giet iddikjarata fuq talba jew kwerela ta' haddiehor jew jekk tkun giet iddikjarata qabel.

Illi fil-prassi gurisprudenzjali xejn ma josta lill-parti aggravata b'sentenza tal-Bord li jirregola l-Kera li titlob ritrattazzjoni taht il-ligi generali ossia l-Kap 12, u fil-fehma ta' dan il-Bord, r-ritrattazzjoni moghtija mill-Kap 69 mhix hlief ragguni addizjonali u in aggunta ghal dawk li taghti l-ligi generali b'daqstant li hi regolata proceduralment b'dik il-ligi generali. Hu inkoncepibbli, fil-fehma tal-Bord, anka fil-kuntest tal-principju bazilari tac-certezza tad-dritt, li ritrattazzjoni bazata fuq l-Artikolu 42 tal-Kap 69 mhix assoggettata ghat-termini imposti mill-Kap 12 wkoll trattandosi ta' rimedju eccezzjonali u ta' interpretazzjoni restrittissima kif gia ntqal. F'dan il-kuntest hu wisq car li l-azzjoni ttentata permezz ta' dan ir-rikors toltrepassa t-terminu perentorju li fih kellhu isir ir-rikors ghar-ritrattazzjoni – tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u 'l fuq minn sentejn mill-publikazzjoni tal-kuntratt pubbliku publikat fit-28 ta' Dicembru 1998 atti Nutar Enzo Dimech, esebit in atti. Ir-rikorrenti permezz tar-rikors in meritu m'huma jitolbu xejn hlief ir-ritrattazzjoni tar-rikors li kien awtorizza lill-allura rikorrenti (illum intimat) li jirriprendi lura l-fond. Ma jistghux jippretendu li illum dan il-Bord jissospendi s-smiegh ta' dan ir-rikors biex jindaga jekk kienx hemm dikjarazzjoni falsa jew le. Fil-fehma tal-Bord dik l-indagni kellha tipprecedi din il-kawza ta' ritrattazzjoni u t-tliet xhur kienu jiddekorru mill-ezitu finali ta' dik l-indagni. Kif proposta l-azzjoni tar-rikorrenti illum tinsab perenta.

Ghaldaqstant il-Bord qieghed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimat li l-kawza ma saritx fit-terminu preskritt b'dan li tiddikjara li l-azzjoni intrapriza mir-rikorrenti permezz ta' dan ir-rikors hi perenta.

Ghal dawk li huma spejjez tiddeciedi li l-intimat ghandu jbati l-ispejjez kollha tas-sentenza ta' dan il-Bord tat-30 ta' Lulju 2003 fil-waqt li l-ispejjez ta' din is-sentenza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet."

Minn din is-sentenza appellaw ir-rikorrenti konjugi Attard bl-aggravju illi d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 812 sa 824 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma japplikawx ghal kaz partikolari li kellu quddiemu l-Bord.

Huma jsostnu ghalhekk illi l-Bord ma setax japplika l-principji generali tal-istitut tar-ritrattazzjoni ghal kaz kontemplat taht l-Artikolu 42 tal-Kap 69, fuq liema dispost hi msejsa l-azzjoni taghhom. Jargomentaw inoltre illi gjaladarba l-Kap 69 ma jippreskrivi l-ebda terminu ghall-proponiment ta' talba ghal smiegh mill-gdid ta' kawza, ergo l-Bord kien zbaljat meta applika t-terminu rizervat fil-Kap 12 ghal kaz taht l-Art 811 (j) fir-rigward ta' l-azzjoni proposta limitatament taht l-Art 42 tal-ligi specjali ossija l-Kap 69.

Kif jirrizulta minn dan l-aggravju l-appell odjern hu koncernat biss mal-eccezzjoni jekk ir-rikors ghar-ritrattazzjoni kellux jigi michud ghax gie intavolat barra z-zmien li fih setghet issir it-talba.

Il-Bord sostna illi tali eccezzjoni kellha tigi milqugha u l-azzjoni titqies perenta in kwantu fil-fehma tieghu kien inkoncepibbli li ritrattazzjoni anke bazata fuq l-Art. 42 tal-Kap 69 ma kelliex tkun assoggettata ghat-termini preskritti fil-Kap 12.

Kif jidher evidenti mir-rikors promotur l-azzjoni hi mpernjata fuq il-procediment tal-Kap 69 li jippermetti smiegh mill-gdid tal-kawza fic-cirkostanzi precizi msemmija fl-Artikolu 42. Dan jipprovdi illi "jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmula minnha, il-parti kuntrarja tista' taghmel talba lill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tar-rikors … …".

Jigi allura osservat illi l-kaz prezenti ma jitrattax minn gudizzju preordinat ghar-ritrattazzjoni ai termini ta' l-Art. 811 (j) tal-Kap 12. Anke jekk ormai hu rikonoxxut id-dritt tal-konsiderazzjoni mill-Bord tal-kazijiet elenkati fl-Art 811 tal-Kap 12 (**Kollez. Vol XXXIX pI p236**), ir-rimedju taht l-Art 42 tal-Kap 69 hu kontraddistint mir-rimedju taht il-precitat artikolu 811 tal-Kap 12.

Dan premess u precizat, huwa ndubbjament car illi l-kawza gusta akkampata mill-appellanti biex jillegittimaw it-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet

"**Eucharistico Cini et -vs- Mario Grech noe**" deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Mejju 1998 hi arginata fuq il-konsiderazzjoni tal-allegazzjoni taghhom illi l-appellat odjern f'dik il-kawza kien ghamel dikjarazzjoni falza fuq il-presuppost illi hu ried il-fond gja lokat lill-appellanti attwali biex juzah bhala r-residenza ordinarja wara z-zwieg. Kien in konsegwenza ta' dan il-fatt allegat illi huma esperimentaw l-azzjoni prezenti hawn trattata fl-ambitu tal-Artikolu 42 tal-Kap 69.

Indiskutibilment, iz-zmien utili ghall-esperiment tal-azzjoni huwa wiehed mill-elementi kostituttivi taghha (**Kollez Vol. XLII pI p351**). Fil-kaz hawn ezaminat jirrizulta li l-azzjoni giet intavolata fit-3 ta' April 2001, jigifieri sentejn u hdax il-xahar fuq li l-kawza issa ritrattata ghaddiet in gudikat bis-sentenza finali tas-7 ta' Mejju 1998.

Fil-kazijiet ordinarji tar-ritrattazzjoni kontemplati fil-Kodici ta' Procedura Civili (Kap 12) il-ligi permezz ta' l-Artikolu 818 tippreskrivi z-zmien statutorju ta' tliet xhur li fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni. L-istess ligi taghmel li dan it-terminu jibda jghaddi skond liema raguni tkun giet additata minn min ikun qed jippretendi s-smiegh mill-gdid a norma tal-Artikolu 811. Hekk jinghad illi t-terminu statwit ta' tliet xhur jibda jiddekorri:-

1. fil-kaz previst taht para (a) u (h), mill-jum li fih jinkixef il-qerq jew jinsab id-dokument;

2. fil-kaz stipulat taht para (b) mil-jum li l-attur ikun gie jaf bis-sentenza;

3. fil-kaz stabbilit taht para (j) mil-jum li fih tkun giet dikjarata l-falsita` b'sentenza moghtija wara;

4. f'kull kaz iehor, minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.

Huwa desumibbli minn dan id-dispost tal-ligi illi "il termine di sei mesi (illum tliet xhur) accordato dalla legge per domandare la ritrattazione di una sentenza, e` termine per agire e quindi il suo trascorrimento importa la decadenza,

ove entro lo stesso non si fosse proposta la domanda; e quindi ancora tale termine non e`, come nel caso di prescrizione, rinnovabile per interruzione” (**Kollez. Vol VII pagna 526**). Issokta jinghad f’din l-istess sentenza illi “secondo i principii del diritto il trascorrimento di un termine fissato della legge nei limiti del quale si deve fare un determinato atto, opera che colui, il quale non si e` approfittato del tempo, che gli era accordato per agire, sopporta la pena della sua trascuragine, la quale consiste nel non essere piu` ammesso ad agire, che e` cio`, che esprime la parola decadenza”.

F’dan l-istess sens hi d-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Joseph Mangion et -vs- Joseph Cassar**”, 27 ta’ April 1999.

Stabbilit dan l-aspett kif jemani mill-konsiderazzjoni tal-materja skond id-disposizzjonijiet generali tad-dritt procedurali riferibilment ghar-ritrattazzjoni, dan ma jfisserx illi dawn l-istess disposizzjonijiet japplikaw ‘mutatis mutandis’ ghal kaz tas-smiegh mill-gdid taht l-Artikolu 42 tal-ligi specjali. Il-Kap 69 huwa sieket kwantu ghaz-zmien ghall-proponiment ta’ kawza taht dak l-artikolu. In effetti kull ma jinghad f’dan il-kuntest jirrigwarda dak biss kontemplat fl-Artikolu 43 li jsegwih, jigifieri, li r-rikors ghas-smiegh mill-gdid ghandu jkun fih il-fatti li fuqhom hija bazata t-talba u ghandhom jithallsu mieghu d-drittijiet imsemmijin fl-Artikolu 29 ossija dawk tar-registru skond l-Artikolu 39.

Din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-Bord kif aktar il-fuq ravvizata izda b’danakollu ma tistax bla motivazzjoni serja taccetta illi kellu japplika n-normi generali tal-ligi procedurali, senjatament l-Art. 818 (1) tal-Kap 12 anke ghal dan il-kaz partikolari. Il-ligi specjali dan ma tghidux. Ubi lex voluit, dixit.

Certament ma tistax, imbaghad, tikkoncedi, lanqas remotament, illi l-Bord, bhal ma jidher donnu li hekk ghamel, jabbina d-dispost ta’ l-Art 811 (j) ma’ l-Art 42 ghall-iskop tad-dekorriment tat-terminu. Fil-wiehed (Art 42) d-dritt tar-ritrattazzjoni hu limitat ghal kaz fejn id-

dikjarazzjoni falza tkun maghmula mill-parti (Ara "**Joseph Zammit -vs- Carmelo Dingli**", Appell, 28 ta' Dicembru 2001); taht l-Art 811 (j) hu estiz ghal kaz fejn il-provi jridu jigu dikjarati foloz. Taht l-ewwel ipotesi l-ezami tad-dikjarazzjoni falza tigi skrutinata mill-istess Bord (Ara "**Rosina Zerafa –vs- Giuseppina Zerafa et**", Appell, 30 ta' Jannar 1967), fil-kaz tat-tieni "occorre che la falsita` risulti da una sentenza "ad hoc" (**Kollez Vol XXVIII pI p658**).

Premessa din il-qaghda tinsorgi d-domanda jekk ghandux allura jfisser illi fil-kaz ta' talba ta' ritrattazzjoni taht l-Art 42 tal-Kap 69 l-parti hi libera li tressaq talba konsimili meta trid. Tali sitwazzjoni, jekk konsentita, jew accettata, certament tistultifika c-certezza tal-gudikat. Kif drabi ohra rilevat "l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parte tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga' tqajjem kwestjonijiet rigward taghha u terga' tiftaha" – "**Caterina Gerada -vs- Avukat Dottor Antonio Caruana**", Appell Civili, 28 ta' Gunju 1973.

Anke hawn allura l-Qorti ma tistax ma tieqafx ghall-mument biex tirrifletti fuq il-kontenut ta' din l-enuncjazzjoni billi mhux facli li wiehed jiddiskosta ruhu minn kuncett hekk legittimu u prattikabbli li l-kawzi ghandu jkollhom terminu u jispiccaw xi darba. Hawn allura tidhol konsiderazzjoni li hi direttament rilevanti ghall-kaz prezenti u li gustament okkupat l-attenzjoni tal-Bord. Jigifieri, c-certezza tal-gudikat kombinat maz-zmien rikjest biex il-parti tagixxi ha tirradrizza l-qaghda taghha konsegwenti ghad-decizjoni sfavorevoli ghaliha. Difficli li taccetta li l-ligi qeghda hemm biex tippremja l-inazzjoni jew li thalli fl-arbitriju ta' dak li jkun l-ghazla taz-zmien biex jimpunja s-sentenza. Wiehed allura jistaqsi kemm irid jghaddi zmien biex jista' jitqies illi l-parti tkun tilfet il-jedd ta' azzjoni bhal din hawn kontemplata. Ir-risposta ghal dan il-kwezit ma tistax tinstab f'astrattizmi guridici jew teoriji li ma jikkonvincux, izda ghandha tinstab fl-adozzjoni ta' argomenti validi u sostenibbli.

Din il-Qorti tistqarr illi nonostante ricerka attenta li ghamlet biex tara jekk il-materja singolari in ezami kellhiex precedenti din ma tat l-ebda rizultat utili. Dan ma jfisserx illi din il-kwestjoni ghandha tibqa' sospiza u ghalhekk fuq ir-responsabilita` taghha din il-Qorti ser tittanta tforni twegiba sostanzjalment possibbli ghal kwezit fuq sollevat. Dan bl-animu li tqarreb il-kwestjoni lejn rizoluzzjoni gusta.

Il-Qorti thoss li hu possibbli tingibed inferenza mill-konsiderazzjoni illi gjaladarba, b'gustifikazzjoni estratt mill-Artikolu 20 tal-Kap 69, rigward setghat moghtija taht il-Kap 12 estendibbli lill-Bord, il-Bord tal-Kera hu rikonoxxut id-dritt li jokkupa ruhu mill-motivi additati ghar-ritrattazzjoni taht l-Art 811 tal-Kap 12 (**Kollez. Vol. XXXII pi p155**). Ifisser allura illi ghandhom isibu, sa fejn applikabbli, anke ghal kaz ta' ritrattazzjoni prospettati taht l-Art 42 tal-Kap 69, certi normi ohra raffigurati taht l-istitut tar-ritrattazzjoni fil-Kap 12; kompriz allura l-Artikolu 818 tieghu rigwardanti t-terminu legali li fiha ghandha titressaq talba ghar-ritrattazzjoni. Din il-Qorti hi konxja mill-fatt li espressament l-Art 42 dan ma jghidux u l-ebda provvediment iehor specifiku tal-Kap 69 ma jippreciza dan. B'danakollu, in omagg ghall-enuncjazzjoni tal-principju fuq accennat tas-sobrijeta` u c-certezza tal-gudikat din il-Qorti ma tarax il-ghala l-Artikolu 818 ma ghandux jigi konsiderat u applikat.

Naturalment dan kollu jehtieg li jigi nterpretat bil-bon sens u applikat fil-limiti gusti. Li hu zgur pero` hu l-fatt illi, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-Bord, ma jistghax jigi ritenut validu l-applikazzjoni tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 818 li strettament jghodd biss ghal kazijiet enumerati fl-Artikolu 811. Pjuttost din il-Qorti tara li ghal kaz hawn dibattut tista' ragonevolment tinghata applikazzjoni lill-emenda li ddahlet bl-Att XXIV ta' l-1995 u li, fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 818, introduciet bhala mizura prekawzjonali, izda effettiva, illi "ma tista' tintalab f'ebda kaz ritrattazzjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza".

Jekk jigi koncess illi dan il-provvediment jigi applikat ghal kaz taht konsiderazzjoni jkun ifisser allura illi z-zmien ta'

hames snin ma kienx lahaq skorra, lanqas mill-ewwel sentenza li giet mill-Bord fir-rikors Numru 3/1994 pronunzjata fil-25 ta' Frar 1997. Dan hu ben evidenti meta jsir raffront mad-data tal-introduzzjoni tal-odjerna kawza (3 ta' April 2001). Anke allura hawn, bl-applikazzjoni tal-provvedimenti generali tal-Kap 12 ghal kaz, l-azzjoni ntentata mill-appellanti kellha tinsab li giet prezentata sew fit-terminu legali. Ghal din ir-raguni wkoll l-appell jimmerita li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-appell tar-rikorrenti konjugi Attard qed jigi milqugh u s-sentenza tal-Bord tal-20 ta' Jannar 2004 li laqghet l-eccezzjoni tal-perentorjeta` tal-azzjoni revokata. Il-Qorti tirrinvija l-atti lura lill-bord ghat-trattazzjoni u decizjoni minnu tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-appellat u tat-talba tal-appellanti.

Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------